# Meta Lbist il-Glekk ta' Ħija

*Ta'* George Vella

KONT ħlomt bi gwerra oħra eħrex. Dik il-lejla domt ħafna npaċpaċ ma' sieħbi Rafel fuq is-sitwazzjoni tad-dinja u konna qegħdin nagħtu l-idejiet tagħna kif naħsbu li sa tispiċċa jew taqbad xi gwerra kbira oħra. Ħaġa taqla' 'l oħra u wieħed jinqala' minn hawn u l-ieħor minn hemm u qattajna sa nofs il-lejl.

Billi domt ma rqadt, u bil-ħsibijiet u bil-ħolm ta' matul il-lejl qomt għajjien u midbiel. It-tokki, mgħaġġlin u li jagħtuk ġewwa, ta' l-arloġġ li għandi f'kamarti qajmuni biex immur nisma' l-quddies u meta dari kont nilbes fi kwarta, dak in-nhar ma stajtx inlesti f'inqas minn għoxrin minuta.

Wara li lbist, mort nilbes il-ġlekk. Billi dik il-lejla ħija kien iddawwar aktar minni, ma ħassejtux dieħel u tafa' l-ġlekk tiegħu fuq tiegħi, fuq l-istess spalliera. Bil-fixla, u billi l-ġlekkijiet huma ta' l-istess daqs, u kważi ta' l-istess kulur, jien ma ndunajtx jekk kienx tiegħi jew le u komplejt nilbsu jien u nieżel it-taraġ minn fuq.

Kien sar il-ħin sewwa u tlaqt ingħaġġel lejn il-knisja biex nisma' l-quddiesa u dak in-nhar tassew kont iffortunat, għax sibt il-quddiesa għadha ma ħarġitx. In-nies li kien hemm fil-knisja bdew igergru u riedu jafu għaliex sa ddum ma toħroġ il-quddiesa. Sa dan it-tant, jien, biex ma nibqax inħares biss, mort biex indaħħal idi fil-but tal-ġlekk u nġib il-kuruna biex ingħid xi ħames posti.

Jien ma ndunajtx li l-ġlekk ma kienx tiegħi u domt infittex qatigħ fil-bwiet ta' barra biex nara nsibx kuruna, u fl-aħħar daħħalt idi fil-but ta' ġewwa u ma nafx kif tellajtha bil-herra meta ma sibthiex u tajjart kemm kien hemm karti fil-but. Dawn il-karti waqgħu fl-art imgerfxin, u jien kelli noqgħod niġborhom waħda wara l-oħra. Waħda mara kienet bil-qiegħda bis-siġġu mġenneb u karta minnhom daħlet taħt sieq tas-siġġu u kelli nitlob lil din il-mara biex tqum daqsxejn biex niġbor din il-karta. Dawn il-karti kienu waħda wara l-oħra, għal taħdita li kellu jagħmel ħija fil-kulleġġ.

Meta rajt hekk ġibt quddiem għajnejja x'sa jagħmel ħija meta jsib dawk il-karti mgerfxin, li kienu swewlu aktar minn nofs ta' lejl taqlib ma' sieħbu t-tabib.

Wara ftit, qomt minn għar-rkobbtejja u qgħadt bil-qiegħda, u, wara li domt kważi aktar minn għaxar minuti bil-qiegħda, ħareġ is-sagristan iħabbar li l-qassis mhux ġej għax ħassu ħażin. Kif smajt hekk, qomt b'sabta minn fuq is-siġġu u ħassejt xi ħaġa żżommni. Kien musmar fid-dahar tas-siġġu li miegħu weħel il-ġlekk u żżarrdu xi żewġ ħajtiet sewwa.

Kien għoddu sebaħ sewwa meta ħriġt mill-knisja u l-bejjiegħ tal-ġurnali kien diġà fetaħ il-ħanut u ħareġ l-ewwel aħbarijiet fuq il-pjanċi ta' barra. Fuq waħda minnhom, qrajt b'ittri tassew kbar, dawn il-preċiżi kelmiet :

**GWERRA JEW PAĊI**

**IT-TAHDITIET DWAR IL-KOREA JKOMPLU**

Hekk kif qrajt dawn il-kelmiet mort nixtri l-ġurnal biex nara nsibx xi ħaġa taqbel ma' dak li konna tħadditna jiena u sieħbi Rafel il-lejl ta' qabel.

B'nofsi għadni rieqed mort naqsam it-triq, u l-Bambin ried li ma bqajtx dieħel f'karrozza żgħira li kienet qed issuq bil-għaġla.

Kif dħalt il-ħanut sibtu mimli bin-nies, biex jixtru u jaqraw l-ewwel aħbarijiet tal-jum. Dan hu l-uniku ħanut li hemm ir-raħal li jbiegħ l-affarijiet ta' kotba u ġurnali. Għall-affarijiet li għandu, il-ħanut huwa żgħir wisq għall-bejgħ li jkollu kull fil-għodu għall-ġurnali. Kulħadd fuq xulxin biex jixtri l-ewwel aħbarijiet u jien ridt infittex neħles.

Meta kont il-knisja ħassejt il-kartiera ta' ħija f'but minn tal-ġlekk u ħsibt li hemm xi ħaġa tal-flus sewwa fiha biex nixtri ġurnal. Mill-ewwel tfajt idi fil-but li kien fih il-kartiera, u ħriġtha. Il-kartiera ta' ħija hija wisq sabiħa. Kien ġiebha miegħu minn Franza fl-aħħar safra li kien għamel ma' l-istudenti tiegħu.

Biex nuri x'kartiera għandi kemm hi sabiħa, ftaħtha qisha tvalja fuq wiċċ idejja. Dan kollu biex noħroġ żewġ soldi. Fittixt fl-irkejjen kollha; imma ma sibt xejn. Insejt li ħija jneħħi l-flus minn ġol-kartiera u jqegħedhom fuq il-gradenza qabel ma jorqod. Mifxul u ma nafx x'nibda nagħmel, għidt lil tal-ħanut biex idejjinli l-ġurnal għax ma kellix żgħar.

Kif ħriġt bil-ġurnal miftuħ beraħ, u fil-waqt li kont mitluf naqra l-artiklu dwar il-"GWERRA JEW PAĊI", ħassejt żewġ taptipiet fuq spallejja u kif indawwar wiċċi nara 'l Polly li nkellem jien, b'wiċċha mgħaddab li qatt ma rajtha hekk qabel.

"Li kieku ma kontx brikkun, tneħħi r-ritratt tiegħi minn ġol-kartiera u tqiegħed ta' oħra?"

"Int fejn taf x'għandi fil-kartiera?" staqsejtha jien.

"Mela ma nafx! Rajt ritratt ieħor fil-kartiera tiegħek fejn għidtli li sa tqiegħed tiegħi; urejtuli fejn qegħedtu jumejn wara."

"Imma, inti, fejn taf x'għandi? Fejn rajtha l-kartiera?", irġajt staqsejtha jien.

"Rajt il-kartiera tiegħek miftuħa għand il-bejjiegħ tal-gazzetti. Minn issa stess nitolbok tagħtini r-ritratt tiegħi lura u qisna qatt ma konna nafu 'l xulxin, la inti m'intix sinċier miegħi".

"Mela jien għandi r-ritratt tiegħek fuqi?"

"Iva, għandek, għax neħħejt tiegħi u għamilt ta' ħaddieħor floku, brikkun," weġbitni hi.

Mn'Alla dik l-għodwa kont qomt nofsi maħlul għax ma nafx x'kien isir wara li rat x'kelli fil-kartiera ta' ħija, li kien iżomm tant sigrieta.

Ir-ritratt li rat ma kienx ħlief ritratt ta' wiċċ impitter u mfaħħar minn artisti kbar għad-dellijiet sbieħ u ta' min jistmah għall-ħarsa tassew naturali li fih. Hija tant kien jgħożżu dan ir-ritratt li kien poġġieh fil-kartiera. Polly ħasbet li l-kartiera kienet tiegħi u li neħħejt ir-ritratt tagħha biex inqiegħed ta' xi ħaddieħor.

Tistgħu taħsbu kif sirt jien u aktar x'sar wara meta ħija sab il-ġlekk bl-affarijiet ta' ġo fih imgerfxin, li kienu swewlu tant xogħol u taħbil il-moħħ.

Ma nafx kif kont ħadtha bil-ħlewwa lil Polly u fissirtilha x'kienet il-biċċa. Kieku ma nafx x'kien isir minna t-tnejn u iktar minn Polly, li issa hi marti, f'dik il-għodwa, wara li qgħadt naħseb x'sa jagħmel ħija la jqum u ma jsibx il-ġlekk tiegħu u meta jilbsu jsibu kollu mgerfex.

---

NOTA: Dan l-*essay* kien inqara fuq ir-Rediffusion f'Diċembru 1952, fi programm tal-*Għaqda Kittieba Żgħażagħ*.

Il-fatti li fih dan l-*essay* huma kollha immaġinarji.—L-AWTUR.